MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 379/2010

Melita Power Services Limited (C 41892)

Vs

Tal-Herba Construction Limited (C14183)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn erba mija u ghoxrin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€2420.72) minghand is-socjeta konvenuta in konnessjoni ma servizzi provduti mis-socjeta attrici.

Minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hrug ta kull fattura, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn erba mija u ghoxrin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€2420.72), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**Av. Katja Psaila Savona**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------